*Plexus18 - 9 ta' Settembru 2018*

## Ma' Ġesù fil-Periferija
## Il-Viżjoni tal-Youth Leaders Maltin

Wieħed iħossu li hu fil-periferija meta ma jkunx maħbub, jew iħossu li hu mwarrab.

Hawn żgħażagħ f'Malta li jista' jsibu ruħhom fil-periferija. Dawn huma nies li minħabba r-riżultat tal-istorja tal-ħajja personali tagħhom u diffikultajiet li ġarrbu, iħossuhom li huma mwarrba mill-komunità. Iktar min hekk, dawn jaf ikunu individwi li huma qrib tagħna u jħossuhom li huma imwarrba mill-komunità, jew li jixtiequ jkunu parti mill-Knisja iżda jħossuhom li ma jistgħux jappartjenu fiha.

Meta Alla jistaqsina biex inħobbu lill xulxin, u aħna ma nifhmux għaliex u kif jista' jsir dan, b'hekk inkunu qegħdin fil-periferija aħna stess. Jaf tkun skomda u riskjuża, imma dan huwa proprju fejn Ġesù jinsab. Ġesù nnifsu kien fil-periferija u bħalu aħna msejħa biex inħobbu.

Aħna nħossu li xi żgħażagħ huma esklużi mill-gruppi u komunitajiet minħabba l-karattru u l-passat tagħhom. Jista' jkun ukoll li qegħdin iħossu dan id-distakk minħabba li jinstabu fil-fażi tal-adoloxxenza, fejn xi drabi din twassal għal iżolament fil-persuna. Wara l-griżma, xi wħud ukoll jibdew jiddistakkaw ruħhom minħabba żmien partikolari fl-iżvilupp tagħhom.

Apparti dan, *leadership* ħażin jista' jikkawża periferija ġdida, u nuqqas ta' direzzjoni għaż-żgħażagħ. Li nibqgħu fiċ-ċrieki komdi tagħna bħala *leaders*, u ma noħorġux nilħqu membri ġodda, jista' jwassal aktar għal żgħażagħ li jħossuhom imwarrba.

Biex imorru fil-periferija, irridu nafdaw lil Ġesù, li qiegħed isejħilna biex jagħtina s-saħħa, ħalli noħorġu minn dawn iċ-ċrieki komdi li ninsabu fihom. Nistghu nibdew billi nosservaw ir-realtà ta' madwarna, nittrattaw lill xulxin b'imħabba, empatija u napprezzaw lill-persuna għal dak li hi.

Però, ħafna minnha jħossu li l-formazzjoni u l-motivazzjoni huwa ftit ħafna, u nħossuna weħidna f'sitwazzjonijiet diffiċli. Li nkunu mistħija u mbeżża' tfixkilna milli nakkumpanjaw żgħażagħ oħra.

Id-dinja tal-lum tibbaża wisq fuq *instant gratification*. Però biex tibni relazzjoni ma' Alla, din tieħu l-ħin, bl-istess mod li takkumpanja żagħżugħ f'dan il-vjaġġ, jieħu ħinu ukoll.

Biex nilħqu lil dawn iż-żgħażagħ, dan jista' jsir sempliċiment billi nibnu relazzjoni magħhom, relazzjoni mibnija fuq fiduċja, awtentiċità, empatija u sensittività. Irridu nitgħallmu nużaw il-lingwa żagħżugħa, il-kultura, u noħolqu atmosfera permezz tal-mużika, jew mezzi oħra fejn huma jistgħu jħossuhom komdi u jistgħu jkunu huma nfushom.

Bosta gruppi f'Malta qegħdin joffru opportunitajiet diversi fejn wieħed jista' jikber fil-fidi. Biex jintlaħħqu żgħażagħ fil-periferija, *leaders* jorganizzaw attivitajiet soċjali bħal attivitajiet ta' *team-building*, BBQs, sports, ikliet u activity-camps.
Bħala role-models, *il-leader* għandu jiffaċilita' l-introduzzjoni ta' valuri prinċipali u informattivi għaż-żgħażagħ, fostom ir-rispett, kumpanija soċjali, li wieħed jħossu li jappartjeni, responsabbiltà, li jkunu miftuħa għad-diversità, jesprimu ta' dak li jħossu u sens ta' *ownership*.
Il-valuri u nies li jiltaqgħu magħhom permezz ta dawn l-attivitajiet jgħinu liż-żagħżugħ biex jidħol iktar fil-fond fl-ispiritwalita. Dawn imbagħad jiġu indirizzati permezz ta' ħin ta' adorazzjoni u tifħir, formazzjoni, direzzjoni spiritwali, u (preferibbilment) laqgħat regolari ta' talb, diskussjonijiet fi gruppi, irtiri b'temi speċifiċi, live-ins, outreaches, evanglizazzjoni, promozzjoni ta' għarfien fuq suġġetti kontroversjali, u iktar sens fond tal-Kelma ta' Alla.
B'hekk il-gruppi ta' żgħażagħ qiegħdin joffru spazju sigur fejn iż-żagħżugħ jista' jistaqsi, jiddiskuti u jkun sfidat biex jikber fuq livell personali, intrapersonali, intellettwali u spiritwali.

Iż-żgħażagħ jafuha l-viżjoni tal-Knisja, jew sempliċiment jsegwu b'mod għami? Jekk iż-żgħażagħ qegħdin jibqgħu jattendu, b'mod ċar, dawn qegħdin ifittxu għal xi ħaġa fi ħdan il-kommunita, f'konverżjonijiet bis-sens ma' individwi li lesti jisimgħu lill-proxxmu. Qiegħda ssir iktar evidenti biż-żmien kif iż-żgħażagħ huma aktar miftuħa biex jitgħallmu u jisimgħu u jfittxu ambjenti żgħar u aktar siguri fejn jafu li mhux ħa jkunu jiġġudikati.

Minkejja dan, bosta gruppi għadhom isibu diffikultà biex jiġbdu żgħażagħ lejhom u li jimpenjaw ruħhom. Żgħażagħ tal-età ta' wara l-Griżma huma partikoralment diffiċli biex biex jintlaħħqu. Id-domandi mistoqsija minn żgħażagħ ta' din l-eta' juri li l-katekiżmu mgħallem mhux qiegħed ikun effettiv, speċjalment katekiżmu marbut ma' sillabu sterili. Is-soċjetà mgħaġġla li qegħdin ngħixu fiha, tirrikjedi minna sensibilita'

kbira biex inkunu nistgħu nirrispondu għal dawn il-bżonnijiet, realtajiet u lingwa taż-żgħażagħ.
Huwa iż-żmien li nistaqsu b'mod serju rigward mod ta' kif iż-żgħażagħ jiltaqgħu mal-Kelma ta' Alla? Iż-żgħażagħ ma jistgħux jirrelataw jew jifhmu metodu li baqa' imwaħħal fiż-żminijiet tal-passat.
Iż-żgħażagħ mhux ħa jaċċettaw l-iskuża "Dejjem ħadem hekk qabel". Huma jaraw b'mod differenti. Bidla fil-istruttura tal-ħsieb tal-Knisja hija xi ħaġa bżonnjuża b'mod iddisprat.

Iż-żgħażagħ huma bbumbardjati b'viżwali u informazzjoni, speċjalment permezz tal-midja soċjali. L-użu ta' mezzi popolari biex nilħqu liż-żgħażagħ b'hekk mhux neċessarjament qiegħed ikun effettiv, minħabba li din tista' titlef il-valur malajr. L-immaġini tal-persuna reliġjuża, per eżempju, jista' jaffettwa l-abbiltà ta' kif iz-żagħżugħ jikkomunika jew jirrelata mal-persuna. Wieħed mir-riżultati ta' kultura ibbażata fuq l-apparenza u l-viżwali, hija li ż-żgħażagħ huma iktar xettiċi fuq dak li qiegħed jiġi offrut u b'hekk jagħtu iktar importanza għal dak li ħaddieħor jaħseb fuqhom u kif jidhru. Din toħloq ukoll ostaklu fil-promozzjoni tal-idea ta' kommunita', f'soċjetà li aktar ma tmur aktar qiegħda ssir individwalista, anki jekk hemm l-għatx għaliha.

Biex nippromovu l-idea tal-komunita', l-organizzazzjonijiet kollha għandhom bżonn riżorsi, kemm umani u kemm mhumiex. Ma nistgħux inħallu nuqqas ta' riżorsi jkunu l-ostaklu li jifridna milli nilħqu liż-żgħażagħ. L-organizzazzjonijiet spiss jfittxu fondi pubbliċi, b'hekk b'mod naturali tqum il-mistoqsija dwar 'għaliex ma teżistix aġenzija fil-Knisja li toffri il-possibbiltà ta' fondi.* Bl-istess mod, l-użu aħjar ta' riżorsi umani, per eżempju persuni speċjalizzati f'loġistika u amministrazzjoni maħtura fi' ħdan il-parroċċa. Dawn jgħinu biex jittaffa x-xogħol tal-kappillan jew arċipriet tal-parroċċa u jkun jista' jiffoka aktar u jaħdem ma' dawk tal-periferiji. Fl-aħħar mill-aħħar l-għan hu li tintlaħaq il-viżjoni tal-Knisja, b'hekk il-Knisja u l-gruppi taż-żgħażagħ ma jistgħux jintilfu fuq attivitajiet ta' ġbir ta' fondi.

Il-viżjoni tal-Knisja hija waħda universali. Persuna waħedha ma tistax tagħmel kollox; kulħadd għandu l-missjoni tiegħu biex jintlaħaq l-għan waħdieni.

Minkejja t-teknoloġija disponibbli, xorta jinħass is-sens ta' nuqqas ta' għaqda. B'sens u attitudni ta' umilta', tkun possibbli li nitgħallmu minn xulxin, u jkun hemm qsim ta' riżorsi, b'hekk tkun qiegħed tinħoloq opportunità oħra biex nilħqu aktar lil xulxin. Però, kultant hija diffiċli li naċċettaw li aħna parti min Knisja aktar kbira. *Networking* bejn il-*leaders* u gruppi taż-żgħażagħ, f'okkażjonijiet bħal Plexus etc. huma ta' importanza

biex jgħinuna nħossuna parti mill-Knisja universali. Permezz ta' *networking* u aktar formazzjoni unita, nibdew finalment noħorġu miż-żoni komdi tagħna.

Bħala nies involuti fil-ministeru maż-żagħżagħ, aħna nixtiequ li niltaqgħu iktar flimkien u naħdmu flimkien. Għandna bżonn spazju fejn nistgħu naqsmu l-idejat tagħna, diffikultajiet u aspirazzjonijiet, u biex inkunu preżenti għal xulxin. Għandna bżonn *network* mhux biss mibni b'mod professjonali, iżda ukoll b'bażi spiritwali u pastorali. Irridu noħorġu miż-żoni komdi tagħna u nitilqu l-istrutturi antiki u nibdew naħdmu barra mill-ħitan tal-knisja sabiex niltaqgħu ma' dawk li jsibuha diffiċli biex jilħquna.

Nixtiequ naraw l-Knisja li tinvesti aktar fil-formazzjoni tal-lajċi u qassisin speċjalment fil-formazzjoni u taħrig ta' youth *leaders* u *ministers*. Youth *leaders* u edukaturi għandhom iħossuhom kunfidenti li il-Knisja ħa tkun ta' sosten għalihom, meta huma ħa jkunu qegħdin joħroġu fir-realtà tal-periferija. Għandna bżonn protezzjoni, gwida, riżorsi, u f'xi ċirkostanzi wkoll fondi biex nilħqu lil dawk li l-aktar għandhom bżonn.

Il-Knisja trid tkun iktar konxja tar-realtajiet li hi tinstab fihom. Ħafna drabi nħossu li ċertu qassisin mhumiex preżenti u mhumiex lesti jkunu preżenti f'dan il-ministeru maż-żagħżagħ. L-irwol tas-saċerdot huwa primarjament wieħed ta' pastorali jew ta' amministrazzjoni? Nafu li nixtiequ naraw aktar qassisin li jakkumpanjawna, waqt li aħna qegħdin nakkumpanjaw liż-żgħażagħ. Però aħna wkoll irridu nkomplu nakkumpanjaw, nimxu u nagħtu sostenn lil dawk il-qassisin li qegħdin jinvestu ħafna f'dan il-ministeru.

Nixtiequ naraw Knisja li taqra s-sinjali taż-żminijiet, Knisja li tixtieq tkun umli u lesti li tbati biex twassal il-kelma t-tajba. Kull wieħed u waħda minna fil-knisja għandu missjoni u x'joffri lill-Knisja li hija unika, u hija rigal li Alla tana. Dawn ir-rigali mhumiex biex inżommuhom għalina jew għal gruppi tagħna biss, iżda huma biex jinqassmu għal ġid akbar tal-Knisja kollha.
Il-Knisja hija rikka fil-kultura u tradizzjoni, però hemm il-bżonn li aħna ngħallmu u nuru liż-żgħażagħ tagħna x'inhuma il-vera Tradizzjonijiet tal-fidi Kattolika. Però biex isir dan, hemm bżonn ta' viżjoni pastorali minn dawk li qegħdin imexxuna.

Żgħażagħ jimxu u jirrelataw ma' *leaders* li huma awtentiċi u li għandhom missjoni f'ħajjithom. Min-naħa l-oħra, il-*leaders* għandhom jibdew billi jittrasformaw ruħhom billi jiltaqgħu b'mod reali ma' Kristu u mal-Knisja tiegħU.

Dan il-ministeru huwa dipendenti fuq l-Ispirtu is-Santu. Irridu nkomplu, (u f'ċerti każijiet nitgħallmu kif) niddixxernu dak li Alla qiegħed isaqsi minna, mill-gruppi u komunitajiet tagħna. Irridu wkoll niddixxernu dak li Alla qiegħed isejħilna biex nagħmlu fuq livell nazzjonali u fejn għandna bżonn ninvestu, biex nagħrfu fejn l-Ispirtu diġà jinstab. Id-dixxerniment għandu jgħinna biex ngħarfu aħjar l-istampa ikbar tal-pjan ta' Alla għaż-żagħżagħ. F'sitwazzjonijiet fejn gruppi u *leaders* ma jafux kif jiddixxernu, induru lejn il-Knisja u nitolbu l-għajnuna biex din takkumpanjana f'dan il-proċess. Din mhix attività ta' darba, imma proċess li jibqa' għaddej sakemm indmu inservu f'dan il-ministeru. Irridu niddixxernu bil-paċenzja, iżda wkoll inkunu attivi nistennew il-paċi ta' Kristu, biex immorru barra fejn Ġesù riedna, anki jekk jirrikjedi li noħorġu miż-żoni u siguri komdi tagħna.

**Waqt il-preżentazzjoni ta' dan id-dokument, L-Arċisqof Scicluna qal li dawn ir-riżorsi jeżistu diġa imma jista' jkun li hemm nuqqas ta' komunikazzjoni min naħa tal-entitajiet tal-Knisja.*
*Mr Michael Pace Ross - Segretarju Amministrattiv tal-Arcidjoċesi ta' Malta, informa lil MCYN li kull talba għal proġetti jew fondi, għandhom jintbgħatu bħala forma ta' proposti lil MCYN. Kull proposta tiġi evalwata b'mod individwali mill-MCYN u l-Arċidjoċesi, sabiex jaraw taħt liema fond lokali jew barrani taqa'. Sottomissjonijet tal-proġetti jew proposti għal fondi, għandhom jintbgħatu fuq youths@maltadiocese.org*